MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 990/2005

**Borg Josephine (ID 627961M)**

**Vs**

**Borg Loreto (ID 442957M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju 2003 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1440 (elf erba` mija u erbghin Lira Maltin) rapprezentanti arretrati ta' manteniment.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attrici qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut biex ihallas s-somma ta' elf, erba` mija u erbghin lira Maltija (Lm1440) rapprezentanti arretrati ta' manteniment minnu dovut ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru, 2002 sat-18 t'April, 2003 u cioe` perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) gimgha, bir-rata ta' sittin lira Maltija

(Lm60) fil-gimgha ghaliha u ghaz-zewg uliedha minuri, u dan skond Digriet Numru 1294/99 mghoti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fil-5 t'Ottubru, 1999, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante illi d-digriet li fuqha hija bazata it-talba gie revokat.

Illi di piu l-attrici hi debitrici tal-konvenut kif jghid fil-kontro-talba.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn inghad:-

Peress illi l-attrici qeghdha tokkupa l-fond propjeta` tieghi minghajr ma thallas kera u ghalhekk ma ghandi nhallas l-ebda ammont peress illi hi ghandha tghatini l-ammont ta' Lm5400 bhala kera ghal uzu tal-fond 'Joslor' Plot 9, Kirkop Road, Mqabba.

Ra r-risposta attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut:-

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal *ratione valoris* stante illi l-kontro-talba ghas-somma ta' Lm5400 tizboq il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.
2. Bla ebda pregudizzju ghas-suespost, il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attrici rikonvenjonata ma tokkupax il-fond 'de quo agitur' b'titolu ta' kera ukwindi m'ghandha taghti xejn lill-konvenut rikonvenzjonant in linea ta' kera kif minnu pretiz.
3. Illi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi m'hemm l-ebda rabta kontrattwali ta' lokazzjoni bejn il-kontendenti.
4. Illi f'kull kaz l-attrici rikonvenzjonata qed thallas wahedha kemm il-kera u l-konsum tad-dawl u l-ilma gravanti l-fond in kwistjoni u kif ukoll il-hlas lura tal-*loan* lil HSBC Bank Malta plc gravanti l-imsemmi fond.

5. Illi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li l-attrici rikonvenzjonata m'ghandha taghti xejn lill-konvenut rikonvenzjonant.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza hija kawza ghal pagament ta' manteniment ta' elf erbgha mija u erbghin lira Maltin (Lm1,440.00) dovuti ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2000 sat-18 ta' April 2003. L-attrici xehdet li l-ammont dovut huwa esebit fid-dokumenti relattivi.

Illi din il-kawza hija wahda minn sensiela ta' kawzi li ghamlet l-istess attrici kontra zewgha ghall-hlas tal-manteniment. F'din il-kawza ghalkemm l-konvenut ghamel l-eccezzjonijiet tieghu, huwa naqas li jipprezenta ruhu sabiex jaghti x-xhieda tieghu. Huwa ma gab l-ebda prova in sostern ta' l-oggezzjoni moghtija. Multo magis, lanqas fejn jirrigwardja l-kontro talba ma ngabu xi provi. Jigi ribadit unikament illi t-talba tal-kontro talba jammonta ghal hamest elef u erbgha mitt lira Maltin (Lm5,400.00) liema somma tesorbita lil dan it-Tribunal mil-kompetenza tieghu.

Illi t-talbiet attrici huma gia gustifikati w ghalhekk ghandhom jigu akkolti.

Jiddeciedi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad il-kontro-talba tieghu, jilqa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-attrici ghal kontro talba tal-konvenut u jikkundannah ihallas is-somma ta' elf erbgha mija u erbghin lira Maltija (Lm1,440.00), bl-ispejjes u nteressi mid-data ta ' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------